MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 238/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**
**Carlo Grimaldi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Lulju, 2008, gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja, waqt li kien ha jitlaq minn Malta fuq titjira KM642, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Gunju, 2009, li biha, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tannulla w tikkancella s-sentenza appellata w minflok isib lill-appellat hati w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali fil-qosor huma s-segwenti:-

Li l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet applikazzjoni w interpretazzjoni skorretta w inkompleta tar-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 149 tas-sena 2007. Ma hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti *“per se”.* Illi kif tajjeb ikkonsidrat l-Ewwel Qorti r-reita’ f’ dan il-kaz treggi biss jekk ic-cekkijiet li nstabu fil-pussess tal-appellat setghux jigu konvertiti fi flus likwidi. Pero’ l-Ewwel Qorti ma waqfitx hawn u qalet li dawn ic-cekkijiet riedu jkunu jistghu jigu konvertiti fi flus likwidi fil-mument meta l-akkuzat allegatament ikkommetta l-allegat reat. Din l-interpretazzjoni hija skorretta. La l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni w lanqas l-Avviz Legali 149 ta’ l-2007 ma jimponi din il-kwalifika. Fil-fatt kemm l-Att kif ukoll il-ligi sussidjarja, meta riedu jikkwalifikaw dan, ghamluh espressament bhal meta imponew il-kwalifika li cheque irid ikun jista’ jigi konvertit fi flus likwidi. B’ ebda mod ghalhekk wiehed ma ghandu jinterpreta li cheque irid ikun jista’ jigi hekk konvertit dakinhar li persuna tkun qed tipprova tohrog minn Malta. Meta jissarraf ic-cheque hu irrilevanti. Fi kliem iehor, ic-cheque irid ikollu r-rekwiziti kollha rikjesti minn bank kummercjali sabiex ikun jista’ jigi msarraf dakinhar tal-prezentazzjoni tieghu. Id-data ta’ meta jista’ jigi msarraf hi biss haga ancillari w b’ ebda mod ma hija s-sustanza ta’ din il-ligi. Ghalhekk l-appellat kellu jinstab hati.

Rat ir-risposta tal-appellat Carlo Grimaldi tat-13 t’ Ottubru, 2009 li fiha ssottometta s-segwenti:-

Li mhux car jekk l-appell hux bazat fuq allegata interpretazzjoni skorretta jew applikazzjoni tal-ligi. Li preliminarjament ma jirrizultax illi l-appell tal-Avukat Generali gie ntavolat fiz-zmien stabbilit mill-ligi w kwindi dan l-appell hu null. Li din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba leggerment id-decizjonijiet tal-Ewwel Qorti izda ghandha tintervjeni biss fejn id-diskrezjoni ezercitata tkun tant fallaci li twassal ghal malamministrazzjoni tal-gustizzja. F’ dan il-kaz l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni legalment korretta li kienet ekwa w gusta skond ic-cirkostanzi.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti hija tenuta li tiddisponi mit-tieni eccezzjoni w cioe’ dik preliminari dwar jekk l-appell giex intavolat entro t-terminu stabbilit mill-ligi. Mill-atti processwali jirrizulta li wara li l-kawza giet deciza fit-23 ta’ Gunju, 2009, il-Kummissarju tal-Pulizija, b’ nota prezentata fil-25 ta’ Gunju, 2009, gharraf li kien behsiebu jappella mis-sentenza. Hu ovvju li din in-Nota giet ipprezentata entro t-terminu ta’ erbghat ijiem ta’ xoghol mid-data tas-sentenza, kif jippreskrivi l-artikolu 414 (1) tal-Kodici Kriminali. Dan l-avviz gie rcevut ghand l-Avukat Generali fl-1 ta’ Lulju, 2009 kif jixhed it-timbru appozitu a fol. 53 tal-process fuq l-istess Nota. Anki hawn gie rispettat it-terminu ta’ tlitt ijiem ta’ xoghol biex l-atti jigu trasmessi lill-Avukat Generali mir-Registratur skond l-istess artikolu. Dan ghaliex is-27 ta’ Gunju kien jum tas-Sibt u d-29 ta’ Gunju, li kien jum tat-tnejn kienet il-Festa Pubblika tal-Imnarja. Umbaghad ir-rikors tal-appell gie prezentat fit-8 ta’ Lulju, 2009, u cioe’ sew entro t-terminu ta’ tmint ijiem ta’ xoghol minn minndu l-Avukat Generali jircevi l-atti skond l-artikolu 417 (1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari hija manifestament infondata w qed tigi respinta.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza w li dwarhom ma jidhirx li hemm kontestazzjoni kienu fil-qosor is-segwenti:- L-appellat li kien gie Malta ghall-*weekend* sabiex jilghab fil-casinos. Meta kien ser isiefer lura fis-27 ta' Lulju, 2008, mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta b' titjira KM642, fuq il-persuna tieghu nstabu Ewro 4500 fi flus kontanti w erba cekkijiet li b' kollox kienu jirraprezentaw ammont ta' Ewro 19,500. Hu ma kienx iddikjara dawn il-flus u cekkijiet lill-Ufficjali tad-Dwana, la meta dahal Malta w lanqas meta kien hiereg.

L-ewwel zewg cheques kienu *post-dated.* Wiehed kien tal-Banca di Credito Cooperativo "Mutuo Soccorso" Gangi, pagabbli lill-appellat innifsu fl-ammont ta' Ewro 3,700 bid-data tat-18 ta' Settembru, 2008 u l-iehor kien cheque mahrug minn terz fuq il-Banca della Campania w pagabbli li certa Donata di Lascio fl-ammont ta' Ewro 4,800 bid-data 14 t' Awwissu, 2008. Iz-zewg cheques l-ohra kienu : wiehed tal-Iccrea Banca pagabbli lil UCA C.S ghall Ewro 6,000 bid-data tat-22 ta' Lulju, 2008, li ma kienx trasferibbli w cheque iehor ta' Ewro 5,000 mahrug minn terz fuq kont Taljan tal-Banca Iccrea pagabbli lil UCA C.S li ma kienx trasferibbli.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellat fir-risposta tieghu w waqt it-trattazzjoni orali ikkontenda li c-cekkijiet in kwistjoni ma humiex strument monetarju kif tirrikjedi l-ligi w konsegwentement hu qatt ma kellu fuqu ammont ta' flus li jeccedi l-ghaxart elef Ewro. Dan ghaliex l-artikolu tal-ligi rilevanti jistipula li t-terminu uzat: "strumenti monetarji" jinkludi cekkijiet, drafts u travellers cheques , certifikati anonimi jew bearer ta' xorta finanzjarja jew monetarja <u>li jistghu jigu konvertiti fi flus likwidi</u>, irrispettivament minn min ikun harighom u, b' mod partikolari, titoli w strumenti negozjabbli w ohrajn, kemm jekk ikollhom l-Ewro bhala denominazzjoni jew xi munita barranija.

L-appellant jissottometti li skond il-ligi cekkijiet *post-dated* kif ukoll dawk mahrugin lil terzi mhux trasferibbli ma jistghux jitqiesu bhala cekkijiet validi. L-appellat kien

ghalhekk fl-impossibilita' li jikkonverti dawn l-erba cekkijiet fi flus likwidi stante li ebda bank f' Malta ma kien sejjer isarraf a favur tal-appellat cekkijiet li kienu *post-dated*, jew inkella li kienu mhux f' ismu w mhux raggirabbli.

Jghid li l-*puncto temporis* huwa essenzjali f' dan il-kaz. Jekk dawn ic-cheques ma setghux jissarfu dak in-nhar ma kellhom ebda valuta w ghalhekk il-Qorti ma setghetx issib htija.

Ikkonsidrat;

Illi r-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 149 ta' l-2007, (Regolamenti ta' l-2007 dwar il-Kontroll tal-Flus) jiddisponi li :-

***"Kull persuna diehla jew hierga minn Malta , jew li tkun ghaddejja fi transit minn Malta u li tkun iggorr soma ekwivalenti ghall-€10,000 jew izjed fi flus ghandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrollur."*** (tad-Dwana).

Skond ir-Regolament 2 tal-istess Avviz Legali il-kelma:

***"flus tfisser kull biljett ta' flus u munita ta' valuta legali u tinkludi strumenti monetarji."***

Umbaghad il-ligi principali li tahtha inhareg dan l-Avviz Legali w cioe' l-Att Dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kap. 233) fl-artikolu 2 jiddefinixxi il-frazi "strumenti monetarji" bhala li:-

***"tinkludi cekkijiet, drafts jew travellers cheques, certifikati anonimi jew bearer ta' xorta finanzjarja jew monetarja li jistghu jigu konvertiti fi flus likwidi, irrispettivament minn min ikun harighom, u b' mod partikolari, titoli, u strumenti negozjabbli u ohrajn, kemm jekk ikollhom l-ewro bhala denominazzjoni jew xi munita barranija."***

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkonkludiet li biex tissussisti r-reita' f' dan il-kaz, ic-cheques in kwisjoni riedu jkunu setghu jigu konvertiti fi flus likwidi fil-mument meta l-akkuzat ikkommetta l-allegat reat. Fil-kaz taz-zewg cheques *post-dated* dawn ma setghux jikkostitwixxu r-reat stante li hemmhekk ma kienux u ma setghux jigu konvertiti fi flus likwidi ghax kienu biss *"a promissory note of payment".* L-Ewwel Qorti ziedet tghid testwalment hekk:-

*"Tnehhi ghalhekk dawn iz-zewg cheques (enumerati 1 u 3 supra) u dak enumerat 4 li dwaru l-Qorti ma tistax tkkummenta stante li ma giex esebit lanqas fl-immagni tieghu u ghalhekk giet prekluza li tistabilixxi jekk setghax hemmhekk jissarraf fi flus likwidi u dan apparti kull kwistjoni tat-tisrif tieghu, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li dak li irnexxilha tipprova l-prosekuzzjoni bir-rizervi kollha attinenti ghal kaz hu li l-akkuzat kellu fil-pussess tieghu l-ammont f' kontanti ta' 4,500 ewro u cekk fl-ammont ta' 6000 li seta' jigi prezentat ghall-pagament mill-akkuzat izda li ma setghax jissarraf minnu billi ma kienx pagabbli lilu u kien mhux negozjabbli…….ghalhekk ma ssibx lill-akkuzat hati u tilliberah."*

Ikkonsidrat;

Illi din il-Qorti ma sabet ebda precedent fil-gurisprudenza nostrana li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-ligi principali w l-Avviz Legali in dizamina specifikatament dwar dan il-punt in kontestazzjoni. Pero' kwistjoni analoga – ghalkemm mhux identika - kienet giet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef V. Caruana Colombo, fl-appell kriminali: **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [8.10.1992], fi prosekuzzjoni taht l-Exchange Control Act, (Att XLIX ta' l-1972), (Kap. 233), kif originarjament kien promulgat u maghruf dak li llum sar l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni. L-appellant f' dik il-kawza kien ukoll gie mwaqqaf wara li tela' fuq l-ajruplan biex isiefer ghall-Londra w fil-pussess tieghu kienu nstabu zewg cheques mahrugin fuq bank esteru <u>favur huh</u>. Din il-Qorti kienet laqghet is-sottomissjoni tal-appellant li peress li z-zewg cheques kienu *"crossed cheques",* <u>dawn setghu</u>

jigu negozjati biss mill-intestatarju, cioe' minn hu l-appellant. Ghalhekk ma kienx possibbli ghall-appellant li joffrihom ghall-biegh skond il-ligi kif kienet dak iz-zmien. Minnhabba f' din ir-raguni din il-Qorti kienet illiberatu minn wahda mill-imputazzjonijiet. Igifieri f' dik il-kawza din il-Qorti kienet dahlet fil-kwistjoni jekk cheque setax jissarraf mill-persuna li tkun ser tohrog mill-ajruport bih u li mhux il-pussess ta' kull cheque ikun iwassal ghall-reita'.

Illi din il-Qorti, wara li qieset sew is-sottomissjonijiet assennati tal-prosekuzzjoni w tad-difiza, taqbel mal-interpretazzjoni tal-ligi moghtija mill-Ewwel Qorti li l-istrument monetarju irid ikun trasferibbli fi flus likwidi mil-portatur fil-mument tal-allegat reat biex jaqa' taht ir-riguri tal-ligi w ghalhekk ma ssib xejn x' ticcensura fis-sentenza appellata w fil-liberazzjoni tal-appellat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi qed tichad l-appell tal-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------